32006R0130

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 130/2006

tat-23 ta' Jannar 2006

li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

---

1 ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

Billi:

A. MIŻURI PROVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1259/2005[1] (ir-"Regolament proviżorju"), imponiet dazju ta' *anti-dumping* proviżorju fuq importazzjonijiet ta' aċidu tartariku ("AT"), attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċi NM 2918 12 00, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Huwa mfakkar li l-investigazzjoni tad-*dumping* u tal-ħsara kopriet il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2004 ("il-perijodu ta' l-investigazzjoni" jew "PI") Fir-rigward tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat *data* li tkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2001 sat-30 ta' Ġunju 2004 ("perijodu kkunsidrat"). Il-perijodu użat għas-sejbiet dwar bejgħ bi prezz aktar baxx minn dak tas-suq (undercutting u underselling) u l-eliminazzjoni tal-ħsara huwa l-PI msemmi qabel.

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(3) Wara l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* proviżorju fuq importazzjonijiet ta' AT li joriġinaw fir-RPĊ, xi partijiet interessati ssottomettew kummenti bil-miktub.

(4) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għas-sejbiet definittivi tagħha. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-Kummissjoni wettqet aktar verifiki, prinċiparjament sabiex tivverifika l-istabbiliment tal-valur normali, fil-bini tal-kumpanniji li ġejjin:

---

[1] ĠU L 200, 30.7.2005, p. 73.

(a) Produtturi esportaturi fil-RPĊ

– Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd, Hangzhou, RPĊ.

– Changmao Biochemical Engineering Co., Ltd, Il-Belt ta' Changzhou, RPĊ.

– Ninghai Organic Chemical Factory, Ninghai, RPĊ.

(5) Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien intenzjonat li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv u l-ġbir definittiv ta' ammonti assigurati permezz ta' dazji proviżorji. Huma ngħataw ukoll perijodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal din l-informazzjoni.

(6) Il-kummenti verbali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet ġew ikkunsidrati, u, fejn kien xieraq, is-sejbiet ġew immodifikati kif meħtieġ.

Ċ. IL-PRODOTT RILEVANTI U PRODOTTI SIMILI

(7) Il-prodott konċernat huwa l-aċidu tartariku, attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 2918 12 00. Il-prodott konċernat jintuża f'addittivi ta' l-inbid, tax-xorb u ta' l-ikel, bħala ritardant fil-ġibs u f'diversi prodotti oħra. Dan jista' jinkiseb jew mill-prodotti sekondarji tal-produzzjoni ta' l-inbid, bħalma huwa l-każ tal-produtturi Komunitarji kollha jew, permezz ta' sintesi kimika, minn komposti petrokimici, bħalma huwa l-każ tal-produtturi esportaturi kollha tar-RPĊ.

(8) Żewġ importaturi argumentaw li għandha ssir distinzjoni bejn AT ta' gradi ta' l-ikel jew ta' gradi farmaċewtiċi, bħalma hu l-AT naturali prodott mill-industrija Komunitarja, u l-AT sintetiku ta' gradi tekniċi (mhux ta' l-ikel). Huma argumentaw ukoll li dan ta' l-aħħar għandu jkun eskluż mill-proċediment billi, kuntrarju għall-AT prodott mill-industrija Komunitarja, il-gradi tekniċi ma jistgħux jintużaw għall-konsum tal-bniedem.

(9) Importatur wieħed irrimarka wkoll li l-AT prodott mill-industrija Komunitarja u dak importat mir-RPĊ kienu jirriżultaw minn proċessi ta' produzzjoni kompletament differenti, u AT naturali biss seta' jintuża għall-produzzjoni ta' l-inbid. Dan l-importatur sostna wkoll li t-tip partikolari ta' AT li kien jimporta kien magħmul skond il-ħtiġiet ta' utent partikolari u ma setax jintuża minn oħrajn. Għalhekk dan l-importatur argumenta li dan it-tip ta' AT u dak prodott mill-industrija Komunitarja ma kinux prodotti simili.

(10) Filwaqt li rrikonoxxiet li hemm tipi differenti ta' AT li mhumiex adattati bl-istess mod għall-applikazzjonijiet kollha, l-investigazzjoni kkonfermat li dawn it-tipi kollha ta' AT jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjonijiet, għall-produzzjoni ta' l-inbid, li jirrappreżenta madwar 25% tas-suq, jista' jintuża biss aċidu tartariku naturali. Madankollu, għall-75% li jifdal, li jinkludu xi prodotti destinati għall-konsum tal-bniedem, jistgħu jintużaw kemm AT naturali kif ukoll dak sintetiku u għalhekk qegħdin f'kompetizzjoni. Ta min jinnota wkoll li l-proċessi tal-produzzjoni fihom infushom mhumiex rilevanti għad-definizzjoni ta' prodott simili.

(11) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar il-prodott rilevanti u l-prodott simili, il-premessi 11 sa 13 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

D. *DUMPING*

1. Trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET")

(12) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kummenti dwar l-għoti ta' MET, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi 14 sa 17 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati b'mod definittiv.

2. Valur normali

(13) B'segwitu tat-tagħrif proviżorju, ma kienu riċevuti l-ebda kummenti dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment tal-valur normali. Għalhekk, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi 18 sa 34 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati b'mod definittiv.

3. Prezz ta' l-esportazzjoni

(14) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment rilevanti dwar il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa 35 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati b'mod definittiv.

4. Paragun

(15) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-paragun bejn il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi 36 sa 37 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati b'mod definittiv.

5. Marġini ta' *dumping*

(a) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mogħtija MET

(16) Żewġ produtturi esportaturi ssottomettew talbiet dwar il-kalkoli dettaljati magħmula għall-istabbiliment tal-livell tal-marġini ta' *dumping* proviżorji li nstabu. Dawn il-kummenti kienu kkunsidrati fid-dawl tad-*data* riveduta miksuba matul iż-żjarat ta' verifika kif spjegat fil-premessa 4 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, xi żbalji ta' kalkolu ġew irranġati.

(17) Għaldaqstant, il-marġini ta' *dumping* medji mwieżna definittivi espressi bħala perċentwali tal-prezz tal-fruntiera Komunitarja CIF bid-dazju mhux imħallas, huma:

Kumpannija	Marġini ta' *dumping* definittiv
Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd, Hangzhou	0.3%
Changmao Biochemical Engineering Co., Ltd, Changzhou City	10.1%
Ninghai Organic Chemical Factory, Ninghai	4.7%

(b) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha

(18) B'segwitu tat-tagħrif proviżorju, ebda kumment ma ġie riċevut dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-marġini ta' *dumping* għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha. Għalhekk, il-livell ta' *dumping* proviżorju għall-pajjiż kollu ta' 34,9% tal-prezz tal-fruntiera Komunitarja CIF huwa kkonfermat b'mod definittiv.

E. ĦSARA

1. Produzzjoni Komunitarja

(19) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-produzzjoni Komunitarja, il-premessi 43 sa 44 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Tifsira ta' l-industrija Komunitarja

(20) Importatur wieħed issottometta li xi wħud mill-produtturi Komunitarji li oriġinarjament kienu lmentaturi kienu waqqfu l-produzzjoni, u talab lill-Kummissjoni biex tivverifika jekk kienx għad hemm biżżejjed appoġġ għall-investigazzjoni skond l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(21) F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni kkonfermat li l-produtturi li jappoġġjaw l-ilment kienu jirrappreżentaw 'il fuq minn 95% tal-produzzjoni Komunitarja stmata matul il-PI. Għalhekk, il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku huma sodisfatti.

(22) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar it-tifsira ta' l-industrija Komunitarja, il-premessa 45 tar-Regolament proviżorju hija b'dan ikkonfermata.

3. Il-konsum Komunitarju

(23) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-konsum Komunitarju, il-premessa 46 tar-Regolament proviżorju hija b'dan ikkonfermata.

4. Importazzjonijiet fil-Komunità mill-pajjiż konċernat

(24) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat, il-premessi 47 sa 52 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

5. Qagħda ta' l-industrija Komunitarja

(25) Importatur/utent wieħed u esportatur wieħed oġġezzjonaw għall-analiżi fir-Regolament proviżorju abbażi ta' l-argument li xi produtturi tal-KE kienu waqqfu l-produzzjoni, u għalhekk ma kellhomx jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-qagħda ta' l-industrija Komunitarja.

(26) Ta' min jinnota li l-analiżi tal-Kummissjoni tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku ma kienet tinkludi l-ebda *data* mill-kumpanniji li kienu waqqfu l-produzzjoni. Dawn il-kumpanniji ssemmew biss fir-Regolament proviżorju safejn kien neċessarju sabiex jiġu interpretati ċerti indikaturi aggregati bħal per eżempju l-ishma tas-suq jew il-kapaċità totali tal-produzzjoni. Dan kien kull darba spjegat b'mod ċar fit-test li jippreżenta kull indikatur konċernat, bil-għan li tingħata valutazzjoni kompleta u korretta tal-qagħda ta' l-industrija Komunitarja. Għalhekk, huwa kkunsidrat li l-analiżi tal-qagħda ta' l-industrija Komunitarja saret f'konformità sħiħa mar-Regolament bażiku.

(27) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja, il-premessi 53 sa 82 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

F. KAWŻALITÀ

(28) Esportatur wieħed argumenta li l-produtturi Komunitarji kellhom pożizzjoni dominanti fis-suq u li l-importazzjonijiet Ċiniżi, bi 11,5% biss tas-suq, ma setgħux kienu l-kawża prinċipali tal-ħsara.

(29) Rigward is-sehem tas-suq ta' l-esportazzjonijiet tar-RPĊ, dan huwa stmat bejn 11,5% u 15,8%, skond jekk jintużawx sorsi statistiċi ta' l-Eurostat jew Ċiniżi. Anke sehem tas-suq ikkalkolat b'mod konservattiv għal 11,5% ma jistax jitqies bħala insinifikanti minħabba li, kif issemma' fir-Regolament proviżorju, il-ħsara kienet ikkawżata b'mod ċar mill-pressjoni li dejjem tiżdied ta' importazzjonijiet akbar bi prezzijiet li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja. Il-kwistjoni jekk l-industrija Komunitarja kellhiex pożizzjoni dominanti jew le hija finalment irrilevanti jekk jiġi stabbilit li l-industrija Komunitarja ma sofriet ħsara minn ebda kawża sostanzjali oħra għajr l-importazzjonijiet li kienu s-suġġett tad-*dumping*. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, minkejja s-sehem akbar tagħha tas-suq, l-industrija Komunitarja ma kinitx kapaċi tevita telf kbir matul il-perijodu kkunsidrat. Dan jikkontradixxi l-affermazzjoni li hija gawdiet minn pożizzjoni dominanti. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi assiguraw ukoll li kien hemm kompetizzjoni suffiċjenti fis-suq.

(30) Esportatur ieħor irrimarka li l-produzzjoni ġdida mdaħħla fis-suq miż-żewġ produtturi tal-KE stabbiliti riċentement kienet aktar importanti miż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi u għalhekk il-ħsara kienet ikkawżata minnha stess. Madankollu, il-prezzijiet tal-produtturi ġodda tal-KE kienu fuq l-istess livell bħal dawk tal-produtturi stabbiliti u l-produzzjoni tagħhom kienet inqas mill-produzzjoni tal-kumpanniji li kienu waqqfu n-negozju. Għal dawn ir-raġunijiet, mingħajr l-importazzjonijiet Ċiniżi, id-dħul tagħhom fis-suq ma setax jispjega l-waqgħa tal-prezzijiet, li seħħet f'kuntest ta' konsum Komunitarju akbar .

(31) Esportatur ieħor sostna li l-qafas regolatorju tal-Politika Agrikola Komuni jfixkel il-kondizzjonijiet normali tas-suq għall-produtturi tal-KE u li l-analiżi tal-kawżalità naqset li tikkunsidra dan. Għalkemm dan l-argument sar biss f'termini ġenerali ħafna, ta' min jinnota li l-Politika Agrikola Komuni ma tirregolax il-prezz ta' l-AT hija nnifisha, iżda tistabbilixxi biss prezzijiet minimi għal uħud mill-kontributi fil-produzzjoni ta' l-AT kif ukoll prezz tal-bejgħ għall-alkoħol. Kif stipulat fil-premessa 89 tar-Regolament proviżorju, dawn il-parametri regolatorji baqgħu stabbli matul il-perijodu kollu u għalhekk ma jistgħux jispjegaw id-deterjorament fil-qagħda ta' l-industrija Komunitarja. Barra minn hekk, dawn ma jikkontestawx li l-importazzjonijiet Ċiniżi huma s-suġġett ta' *dumping* u qegħdin jikkawżaw ħsara lill-industrija Komunitarja.

(32) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-kawżalità, il-premessi 83 sa 95 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

G. INTERESS KOMUNITARJU

(33) Utent wieħed mill-industrija tal-ġibs sostna li l-proporzjon rappreżentat mill-AT fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-ġibs, imsemmi fir-Regolament proviżorju (inqas minn 2%) kien baxx wisq. Din il-figura, madankollu, kienet ibbażata fuq id-*data* sottomessa mill-istess kumpannija. Skond l-istess *data*, il-figura tkun kemmxejn ogħla, jekk tiġi espressa bħala perċentwal ta' dawk il-prodotti biss li fihom l-AT. Min-naħa l-oħra, żewġ gruppi oħra tal-ġibs indikaw perċentwali ferm aktar baxxi minn dan. Dan ikkonferma li d-*data* użata fir-Regolament proviżorju tista' tkun ikkunsidrata li hija stima raġonevoli.

(34) Barra minn hekk, huwa mfakkar li l-prodotti tal-ġibs li fihom l-AT jintuża bħala ritardant, mhumiex esposti għal wisq kompetizzjoni minn fornituri mhux tal-KE, skond *data* ta' l-Eurostat. Għalhekk tinżamm il-konklużjoni tar-Regolament proviżorju, li dazju moderat ta' *dumping* fuq dan il-perċentwali ta' l-ispejjeż m'għandux ikollu impatt kbir fuq l-ispejjeż u l-pożizzjoni kompetittiva ta' dawk l-industriji utenti.

(35) L-istess utent argumenta wkoll li l-miżuri jistgħu jwasslu għal skarsezzi ta' AT, kif ġie allegat li seħħ fl-imgħoddi. Madankollu, mhuwiex ikkunsidrat li dazji *anti-dumping* tal-livelli individwali proposti fuq importazzjonijiet ta' AT manifatturat minn kumpanniji li jirrappreżentaw madwar żewġ terzi ta' l-esportazzjonijiet tar-RPĊ se jagħlaq is-suq tal-KE għall-fornituri mir-RPĊ.

(36) Utent wieħed mill-industrija ta' l-emulsjonanti argumenta li l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom tiġi pperikolata jekk jiddaħħlu miżuri fuq importazzjonijiet ta' AT li joriġinaw fir-RPĊ. Dan l-utent sostna li minħabba bidliet tekniċi, l-emulsjonanti huma dejjem aktar suġġetti għal kompetizzjoni minn produtturi mhux ta' l-UE u li żieda fil-prezz wara l-impożizzjoni ta' miżuri taffettwa l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq. Il-Kummissjoni ppruvat tivverifika l-effett possibbli tal-miżuri fuq din il-kategorija ta' utenti fuq il-bażi ta' *data* kkwantifikata. Madankollu, fin-nuqqas ta' tweġibiet siewja għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni u ta' kooperazzjoni minn dan il-grupp ta' utenti, dan ma kienx possibbli.

(37) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar l-interess Komunitarju, il-premessi 98 sa 114 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

H. MIŻURI *ANTI-DUMPING* DEFINITTIVI

1. Livell ta' l-eliminazzjoni tal-ħsara

(38) B'referenza għall-komunikazzjoni tas-sejbiet proviżorji, l-industrija Komunitarja sostniet li l-prezz mhux dannuż ikkalkolat kien baxx wisq għal żewġ raġunijiet:

– il-prezz tal-materja prima tnaqqas matul il-PI, jiġifieri l-industrija kien irnexxielha tgħaddi lis-setturi *upstream* xi ftit mill-pressjoni fuq il-prezzijiet. Dan huwa rikonoxxut fil-premessa 69 tar-Regolament proviżorju, filwaqt li l-interess tal-forniturihuwa analizzat taħt il-premessi 101 sa 106. Kif issemma' fil-premessa 89 tar-Regolament proviżorju, il-Politika Agrikola Komuni tistipula biss prezz minimu għax-xiri tal-materja prima. Barra minn hekk, l-industrija ma ssostanzjatx l-allegazzjoni tagħha u ma ssottomettiet l-ebda evidenza li tindika li l-livell tal-prezz tal-materja prima ma kienx se jkun sostenibbli u għandu jkun ogħla minn dak il-minimu. Għalhekk, ġie konkluż li l-argument kien infondat;

– kien allegat li l-marġini normali ta' qligħ użat fil-kalkolu tal-ħsara, 8%, kien baxx wisq għal din it-tip ta' industrija. Madankollu, fid-dawl tal-livell ta' qligħ osservat għall-industrija Komunitarja fis-snin ta' qabel il-PI u qabel il-penetrazzjoni fis-suq ta' l-importazzjonijiet soġġetti għad-*dumping*, dan il-perċentwali jirrappreżenta marġini adegwat biex jirrifletti livell normali ta' qligħ li seta' jinkiseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet bħal dawn.

(39) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kummenti oħra dwar il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara, il-premessi 115 sa 118 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Il-forma u l-livell tad-dazji

(40) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dazju *anti-dumping* definittiv għandu jiġi impost fil-livell tal-marġini ta' *dumping* misjuba, billi għall-produtturi esportaturi kollha konċernati l-marġini ta' ħsara instabu li kienu ogħla mill-marġini ta' *dumping*.

(41) Rigward il-forma tal-miżuri, l-industrija Komunitarja talbet li għandu jiġi impost prezz minimu bbażat fuq il-livell ta' l-eliminazzjoni tal-ħsara. Madankollu, peress li l-livell tad-dazju *anti-dumping* definittiv huwa bbażat fuq il-marġini ta' *dumping* misjuba, kif imsemmi fil-premessa hawn fuq, tinżamm l-impożizzjoni tad-dazju *anti-dumping* definittiv fil-forma ta' dazji *ad valorem*.

(42) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-dazji definittivi huma skond kif ġej:

Kumpannija	Marġini ta' *dumping*
Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd, Hangzhou	De minimis
Changmao Biochemical Engineering Co., Ltd, Changzhou City	10.1%
Ninghai Organic Chemical Factory, Ninghai	4.7%
Il-kumpanniji l-oħra kollha	34.9%

(43) Ir-rati tad-dazju *anti-dumping* tal-kumpanniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati ta' dazju (kuntrarju għad-dazju għall-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha") għalhekk japplikaw esklussivament għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż konċernat u magħmula mill-kumpanniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Prodotti importati manifatturati minn kwalunkwe kumpannija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b'isimha u l-indirizz tagħha, fosthom entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha".

(44) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju *anti-dumping* tal-kumpanniji individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni[1] flimkien ma' l-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpannija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjata ma', per eżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament imbagħad jiġi emendat kif meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

(45) Sabiex jiġi żgurat infurzar sewwa tad-dazju *anti-dumping*, il-livell ta' dazju residwu m'għandux japplika biss għall-esportaturi li ma kkooperawx, iżda wkoll għal dawk il-kumpanniji li ma kellhom l-ebda esportazzjoni matul l-PI. Madankollu, il-kumpanniji ta' l-aħħar huma mistiedna, meta jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, it-tieni paragrafu, jippreżentaw talba għal reviżjoni skond dak l-Artikolu sabiex is-sitwazzjoni tagħhom tiġi eżaminata b'mod individwali.

---

[1] Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ
Direzzjoni B, uffiċċju J-79 5/16
B-1049 Brussell/Il-Belġju.

3. Ġbir definittiv ta' dazji proviżorji

(46) Minħabba d-daqs tal-marġini ta' *dumping* misjuba u fid-dawl tal-livell tal-ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja, huwa meqjus neċessarju li l-ammonti assigurati permezz tad-dazju *anti-dumping* proviżorju, impost bir-Regolament proviżorju, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1259/2005, għandhom jinġabru b'mod definittiv sal-livell ta' l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Billi d-dazji definittivi huma aktar baxxi mid-dazji proviżorji, l-ammonti proviżorjament assigurati aktar mir-rata ta' dazju definittiva tad-dazji *anti-dumping*, għandhom jiġu rilaxxati.

(47) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' evażjoni minħabba d-differenza kbira fl-ammonti tad-dazji, huwa meqjus li hemm bżonn ta' miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dazji *anti-dumping*. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu:

(48) Il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn fattura bħal din għandhom ikunu suġġetti għad-dazju *anti-dumping* residwu applikabbli għall-esportaturi l-oħra kollha.

(49) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tgħasses l-flussi ta' l-esportazzjoni kif ukoll il-kodiċi NM rilevanti għall-imluħa u l-esteri ta' l-AT. Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, jew jekk l-importazzjonijiet iddikjarati taħt il-kodiċi NM rilevanti għall-melħ u l-esteri jiżdiedu b'mod drammatiku, il-miżuri individwali konċernati jistgħu jitqiesu bħala probabbilment mhux suffiċjenti biex ipattu għad-*dumping* dannuż misjub. Għalhekk, u bil-kondizzjoni li l-elementi meħtieġa jiġu sodisfatti, il-Kummissjoni tista' tibda reviżjoni proviżorja skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Din ir-reviżjoni tista', *inter alia*, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati ta' dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju *anti-dumping* definittiv huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' aċidu tartariku, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2918 12 00, li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju *anti-dumping* definittiv applikabbli għall-prezz nett tal-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas, tal-prodotti manifatturati mill-kumpanniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpannija	Dazju *Anti-Dumping*	Kodiċi addizzjonali TARIC
Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd, Hangzhou, Repubblika Popolari taċ-Ċina.	0.0%	A687
Changmao Biochemical Engineering Co., Ltd, Changzhou City, Repubblika Popolari taċ-Ċina	10.1%	A688
Ninghai Organic Chemical Factory, Ninghai, Repubblika Popolari taċ-Ċina	4.7%	A689
Il-kumpanniji l-oħra kollha	34.9%	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpanniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness. Jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda fattura bħal din, għandha tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fir-rigward tad-dazji doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

L-ammonti assigurati permezz ta' dazji *anti-dumping* proviżorji skond ir-Regolament (KE) Nru 1259/2005 fuq importazzjonijiet ta' aċidu tartariku, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2918 12 00, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv, skond ir-regoli stipulati hawn isfel. L-ammonti li jinkisbu aktar mill-ammont tad-dazji *anti-dumping* definittivi għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Jannar 2006.

F'isem il-Kunsill
Il-President

J. PROLL

ANNESS

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-kumpannija, fil-forma li ġejja:

(1) L-isem u l-funzjoni ta' l-uffiċjal tal-kumpannija li ħarġet il-fattura kummerċjali.

(2) Id-dikjarazzjoni segwenti "Jien, hawn taħt iffirmat/a, niċċertifika li l-[volum] ta' aċidu tartariku mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea kopert b'din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpannija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż konċernat). Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta.".

Data u firma